JANNAR 2012 – IT-32 SENA – GĦADD 316 – NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373



# dawl Franġiskan

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN




3 **Niġġeddu jew Nitqaddu?**
Editorjal

4 **Personaġġi Bibliċi**
minn Mons. Lawrenz Sciberras

7 **Poeżija**
minn Lawrence Attard




8 **Pontifikal - Mons Emanuel Barbara OFMCap**

17 **Novella**
minn Emily Barbaro-Sant

18 **Missjoni**
Fr Joe Alessandro OFMCap




20 **Il-Bniedem u n-Nsrani f'Dun Karm (1)**
minn Philip E. Said, Kunsillier

22 **Franġiskanismu**
minn P. Ivan Scicluna OFMCap




24 **Benedittu Ġie u Mar**
Kav. Joe M Attard

26 **Teoloġija tal-Ġisem - 10**
minn Patri Mario Attard OFMCap

28 **Qaddisin ta' Żmienna (9)**
minn Tony C. Cutajar




30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Okkult**
minn Fr Franco Fenech OFMCap


**Hlas ta' l-Abbonament: €9.32 fis-sena.**
Kull offerta, barra mill-hlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:
**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**



*Qoxra:*
**THEOTOKOS (Omm Alla) ikona ta' Fr Damian li tinsab f'Augusta, Georgia.**


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frano Fenech OFMCap
Ivan Scicluna OFMCap
Martin Micallef OFMCap



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: lpf1939@gmail.com

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
Printit
Tel: 2189 4446/7


*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*


© Dawl Franġiskan 2012
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini



# "NIĠĠEDDU JEW NITQADDU?"

Hafna ddeskrivewha bħala waħda mill-aqwa ittri pastorali li qatt ingħatatilna mill-Isqfijiet tagħna f'dawn il-Gżejjer. Ir-raġuni hija ovvja: ma fihiex tidwir mal-lewża! Jew niġġeddu bħala Nsara jew nistgħu nżarmaw!

It-titlu tagħna jaffaxxinak! "Il-kuraġġ li niġġeddu". Irid ikollok kuraġġ li tiġġedded. Għaliex biex tiġġedded trid tammetti li int f'falliment. L-Isqfijiet tagħna Pawlu u Mario kellhom il-gazz juru f'hiex morna żmerċ bħala poplu Nisrani. Ma jlaqalqux meta jgħidu li "**meta jidra żżejjed, il-bniedem imewwet fih ix-xewqa li jtejjeb il-ħajja tiegħu u tal-oħrajn. Hemm periklu li meta taħkimna l-abitudni, fis-sens negattiv tagħha, ma nibqgħux ngħixu! L-abitudni kapaċi twassal għal-laxkezza, għall-abbużi u l-medjokrità**". U x'inhi l-abitudni li numru kbir minna l-Insara ħakkmitna f'dawn il-Gżejjer? Mhux dik li għax ġejna mgħammda jfisser li issa għandna passaġġ dritt għall-ġenna mingħajr ma ngħixu b'responsabbiltà l-fidi tagħna fi Kristu? Is-sbuħija li suppost għandha toħroġ bil-mod kif nittrattaw ma' xulxin spiċċat biex tiġi moħlija f'tempji li tisthi timxi fihom bil-lussu li fihom u nsejna li t-Tempju ta' Alla huwa aħna stess! X'ironija hux li nsebbħu t-tempju tal-ġebel u nferu bla ħniena lit-Tempju ta' Alla l-ħaj, lil xulxin!

Il-frażi famuża tal-Isqfijiet, jiġifieri li lill-Knisja ġibnieha "mużew tal-istorja!" hija gravi. U biex ġibnieha hekk? L-ewwelnett meta tant ħallejna d drawwiet reliġjużi jiddettaw huma dak li suppost għandha twettaq il-ħidma tal-Ispirtu ta' Alla fina li reliġjon spiċċat "issir drawwa!" Il-Kelma ta' Alla ma nagħtuhiex piż; ir-rutina tat-talb għamlet minnu toqol iżjed milli ħelsien, inkluża l-Ewkaristija, u nirċievu s-sagramenti għaliex ippressati soċjalment. Oħrajn jaħbu l-insigurtà tagħhom wara l-osservanza għamja tal-liturġija, omeliji li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-ħajja ta' kuljum u liturġija għal kollox maqtugħa mill-prattika tal-ħajja Nisranija. Il-ħuta minn rasha tinten! Anki l-"imgħallmin" jeħtiġielhom jitwiedlu mill-ġdid iżjed u iżjed meta wieħed jikkunsidra "jekk ċertu tagħlim, attitudnijiet, proġetti u drawwiet reliġjużi humiex tassew frott tat-tnebbiħ tal-Ispirtu li jaħdem fil-Knisja jew wellidnihomx aħna frott l-inizjattiva personali biss". Il-problema tinħass fil-kwartieri kollha tal-Knisja!

L-isfida tagħna hi kif il-Knisja se nirrenduha bħala familja u noħorġuha mill-ħabs tal-mużew tal-istorja. L-isqfijiet tagħna joffrulna l-viżjoni tal-Konċilju Vatikan it-Tieni, jiġifieri, "l-aġġornament fil-Liturġija u l-mod kif tiġi ċċelebrata bis-sehem aktar attiv tal-poplu, is-sehem tal-lajċi fil-qasam aktar wiesa' tal-Katekeżi u tad-Djakonija, l-attenzjoni tal-Knisja lokali għall-ħtiġijiet tas-soċjetà, kif ukoll l-attenzjoni tagħha għal dawk l-aktar imbegħdin, l-insara mifrudin u saħansitra dawk li jħaddnu reliġjonijiet oħra jew li ma jħaddnu ebda twemmin". Ma' dan jheġġuna bil-kbir biex ikun hemm "aktar tiġdid intern fil-komunità tal-Knisja, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-'mejda tal-Kelma':

- fir-relazzjonijiet tal-istes s komunità mad-dinja ta' madwarna,
- noffru l-patrimonju teoloġiku, spiritwali u etiku tagħna bit-tama li dan jistimula tiġdid u hekk jaqlagħna minn ċerti qagħdiet fejn:
- nimxu 'l quddiem,
- inħaddnu l-istrutturi suġġeriti mill-Konċilju, bħalma huma l-Kunsilli Presbiterali u l-Kunsilli Parrokkjali;

imma qabel kollox għandu jkun hemm persuni u komunitajiet 'imġedda' li huma konxji mid-dmir li jipprattikaw u jittrasmettu l-Ispirtu ta' Kristu biex ikollna 'smewwiet ġodda u art ġdida'".

Jekk dan jiqbax paroli jew isirx ħajja jiddependi minni u minnek! •



# l-adultera

## (MEĦLUSA MILL-KUNDANNA)

**L-ewwel ħaġa li wieħed għandu jinnota f'dawn in-nisa "midimba" huwa li ma għandhomx isem. Din l-istorja jiktibha l-l-Evanġelista Ġwanni waħdu.**

Hija waħda li turi biċ-ċar żewġ kurrenti ta' ideat:

- kif kienu jaħsbuha l-Lhud quddiem ġrajjiet ta' din ix-xorta; u
- kif kien jaħsibha Ġesù, l-iben t'Alla.

Din il-mara miskina sabet ruħha quddiem l-ittra kiesħa tal-liġi (Lev 20:10), kif ukoll quddiem Ġesù li ġie jippriedka u jipprattika l-imħabba. Ara x'jgħid il-Levitiku: **"Il-bniedem li jiżni ma' mart għajru jagħtuhom il-mewt, liż-żieni u liż-żienja"**.

Issa biex wieħed jasal u jagħti t-tifsira sħiħa ta' din l-istorja hemm bżonn qawwi li din titfisser fil-kuntest u l-ambjent Lhudi tagħha. Ħalli naraw.

## IL-FESTA TAL-GĦEREJJEX

Matul is-sena, il-Lhud jiċċelebraw bil-kbir tliet festi liturġiċi; dawn huma l-festa tal-Għid, il-festa tal-Ġimgħat jew Għid il-Ħamsin, u l-festa tal-Għerejjex. Din tal-aħħar issir fil-bidu tal-ħarifa wara l-ġbir tal-frott u b'mod speċjali l-għeneb u



ż-żebbuġ. Din il-festa bħat-tnejn ta' qabilha, tissejjaħ festa tal-pellegrinaġġi, għaliex il-Lhud huma obbligati imorru jew aħjar jitilgħu Ġerusalemm.

Din il-festa kbira ddum sejra ġimgħa sħiħa, u matul dawn il-jiem il-Lhud jibnu għarix, biex jorqdu ġo fih. Dan ifakkarhom meta l-Lhud kienu mexjin fid-deżert tas-Sinaj u billi ma kellhomx djar, kienu jorqdu ġo xi għarix. Matul din il-ġimgħa festi, hemm jumejn partikulari. Dawn huma: wieħed huwa Jum id-Dawl u l-ieħor jissejjaħ Jum l-Ilma.

F'xi jum ta' din il-festa, probabbli lejn l-aħħar tagħha, mara li kienet tgħix Ġerusalemm inqabdet tiżni. Qam għagħa kbir. Jeżistu żewġ interpretazzjonijiet ta' din il-ġrajja, u sewwa ħafna li niktibhom.

- Jista' jkun li din il-mara kienet hi li ħajret lil xi ħadd ieħor biex imur magħha.

Forsi żewġha kien talaqha – kienet ħaġa l-aktar faċli – u allura mara miskina ħasbet li se ssib il-paċi ta' qalbha meta tagħmel dak li kien ipprojbit mit-Torah. Jekk ġara tassew, din il-mara responsabbli bis-sħiħ ta' għemilha.

- Jista' jkun ukoll li din il-mara ġiet attakkata sesswalment u dejjem kontra l-volontà tagħha.

U din it-tieni opinjoni hija aktar probabbli. Ħalli nfisser għaliex. Kif diġà ktibt, kienu jiem meta l-Lhud jorqdu ġo xi forma ta' għarix jew kamra żgħira li jwaqqfu apposta għall-festa tal-Għerejjex. Allura jista' jingħata ħafna l-kas li din il-mara kienet rieqda ġol-għarix, u dan għamlitu biex tobdi l-liġi. Issa kontra r-rieda tagħha ġiet attakkata. Naturalment, kif aktarx jiġri, l-attakkant irnexxielu jaħrab u din il-mara miskina sfat vittma ta' nġustizzja mill-akbar. Lesta issa biex tiġi ġġudikata u mogħtija dak li tgħid il-liġi. Naturalment il-possibbiltà biex jaqbdu 'l Ġesù – (*frame up*) – kienet hemm ukoll tberren f'moħħ il-Lhud.

## ĠESÙ FIT-TEMPJU

Wara ġurnata mixi u predikazzjoni ġol-belt, Ġesù kien soltu tiegħu jirtira jew f'xi wieħed mill-egħrien li hemm f'riġlejn il-għolja taż-Żebbuġ, inkella kien jibqa' sejjer għand ħbiebu f'Betanja, jiġifieri għand Marta, Marija u Lażżru.

Filgħodu mbagħad Ġesù kien jerġa' jidħol il-Belt u aktarx dritt joqrob lejn it-tempju, fejn kien ikun hemm ħafna nies. Il-mexxejja tal-poplu, fosthom il-Fariżej, is-Sadduċej u x-Xjuħ u l-Kittieba kien ilhom żmien twil jifirxu xibka waħda ifjen mill-oħra biex jaqbdu ġo fiha lil Ġesù, imma ma rnexxilhomx. Donnu din id-darba bil-mara maqbuda tiżni kienu se jaslu għall-għan ħajjen tagħhom.



Mill-post qabdu lil din il-mara tiżni sakemm wassluha sa ħdejn Ġesù fit-tempju, l-aktar post dejjem iffullat bin-nies! Minn jaf kemm dwejjaq, rexgħa u swied ta' qalb ħasset dik il-mara. Ibda biex mill-mistħija. Tant nies ġo Ġerusalemm kollha kienu tajbin, hi biss il-mara ħażina, tant nies f'dak il-ħin kollha kienu jħarsu l-liġi ta' Alla, hi weħidha kienet tiksirha b'mod sfaċċat.

It-tieni, issa kien hemm ħajjet dik il-mara fin-nofs, għaliex il-Lhud kienu jafu japplikaw l-liġi, immela t-tħaġġir għall-mewt. U din il-kwalità ta' mewt skont Blinzer, kienet għadha użata fi żmien Ġesù. Biżżejjed infakkru f'San Stiefnu. Dan kollu jiġrilu min jaqa' f'idejn il-bnedmin li ma jibżgħux minn Alla. Sa fl-aħħar, dawk il-mexxejja għomja rnexxilhom jaslu u sabu 'l Ġesù mdawwar minn ħafna nies. Aħjar. Issa huwa l-waqt li toħroġ il-verità. Hekk irraġunaw dawk il-pampaluni ta' nies.

## BIL-WIEQFA QUDDIEM ĠESÙ

Il-għan ta' din il-ġrajja ma kienx li tiġi mħarsa l-liġi ta' Mosè, daqskemm jaqbdu 'l Ġesù f'xi għamil tiegħu. **"Dan qaluhulu biex iġarrbuh ħalli jkollhom fuqiex jixluh"**. Għalhekk dawk il-mexxejja poġġew lill-mara fin-nofs quddiem l-imħallef. Ġesù ma tkellimx u anqas il-mara. U min kien se jemminha f'dik id-dagħdija hekk taħraq. Hija ħarset lejn Ġesù, u Ġesù ħares lejha. Imma l-Kittieba u l-Fariżej tkellmu: **"Mgħallem, din il-mara nqabdet fil-fatt fl-adulterju. Issa fil-liġi tagħna Mosè ordnalna biex nisa bħal**



**dawn inħaġġruhom. Int, imma, xi tgħid"** (Ġw 8:5). F'din id-domanda kien hemm moħbi l-qerq u s-semm kollu possibbli. U dan Ġesù kien jafu.

Quddiem din il-ħeġġa kollha Ġesù ma tkellem xejn, sempliċement għamel ħaġa li fissret ħafna, **"tbaxxa lejn l-art u beda jikteb b'sebgħu fit-trab"**. L-Evanġelju ma jgħidilniex x'kiteb Ġesù, imma xi fissiera tal-Kotba Mqaddsa ppruvaw jagħtu r-risposta. Naraw dawn x'inhuma.

- Tradizzjoni li tasal sa żmien San Ġirolmu tgħid li Ġesù kiteb id-dnubiet ta' dawk li ġew jakkużaw l-adultera.
- Fi żmien ir-Rumani, l-imħallfin l-ewwel kienu jiktbu s-sentenza, imbagħd jaqrawha b'vuċi għolja li jista' jismagħha kulħadd. Ġesù l-ewwel kiteb (v 6), imbagħad qara dak li kiteb (v 7). **"Min fostkom hu bla ħtija jitfalha hu l-ewwel ġebla"**.
- Oħrajn jaħsbu li dak li għamel Ġesù – kiteb fl-art, għandu eku ċar f'dak li għallem il-profeta Ġeremija: **"Dawk li jitbiegħdu minnek, fit-trab jinkitbu għax telqu l-Mulej, il-għajn tal-ilma ġieri"** (Ġer 17:13).
- Hemm forsi possibbiltà oħra, u l-aktar sempliċi: Biex ma jagħtix ħafna kas ta' dak li kienu qegħdin jgħidu, Ġesù tbaxxa jħażżeż fl-art. Ta' min jgħid li din kienet użanza fost l-Għarab f'mument ta' deċiżjoni kbira.
- Il-mara ma kenitx f'sura ta' min iħares lejha. Ġasù baxxa għajnejh fl-art biex ma jarahiex.

Sadanittant, l-adultera kienet għadha wieqfa quddiem Ġesù fis-skiet u b'mistħija kbira tagħha tistenna x'se jiġrilha. Ġesù kien deċiż, ried juri l-ipokrisija tal-Fariżej; tant li b'ton deċisiv qallhom: **"Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla"**. Sajjetta fil-bnazzi; daqqa fil-laħam il-ħaj; realtà li ħadd fost l-akkużaturi ma seta' jaħrab minnha. Tant li kif **"semgħuh jgħid dan, qabdu u telqu wieħed wara l-ieħor, ibda mix-xjuħ"**. Urew kemm tassew kienu oqbra mbajda.

## ĠESÙ JAĦFER

Din kienet xena li taqsmek. Filli bil-ġebel lesti f'idejhom ħalli jixħtuh għall-adutera, u issa telqu kollha kemm huma. It-tempju fejn kien hemm Ġesù kważi tbattal minn dawk l-irġiel pampaluni u minfuħin bihom infushom.

X'ħin ra li jista' jkellem lil dik il-mara bil-kwiet, Ġesù qam dritt u staqsiha: **"Dawk fejnhom mara? Ħadd minnhom ma kkundannak? Ġesù hawn kiser is-silenzju biex jagħmel l-qalb lil dik il-mara. Tant hu veru li l-adultera mtliet bin-nifs u weġbitu lil Ġesù: "Ħadd Sinjur". Din il-mara issa ndunat id-differenza bejn Ġesù u dawk il-mexxejja għomja. Tal-ewwel ħafrilha, l-oħrajn ikkundannawha. "Mela anqas jien ma nikkundannak. Mur, u mil-lum 'il quddiem tidnibx iżjed"**.

L-adultera nfirdet minn Ġesù. Ħassitha wisq aktar ħielsa minn qabel, ferħana għaliex sabet il-paċi f'qalbha. L-adultera bosta drabi għadha xxempjata f'ħafna u ħafna bnedmin, kemm fid-dnub kif ukoll fil-indiema sinċiera. •



# passi fir-ramel

*Infittex u nokrob*
*Bil-mard u bl-uġigħ*
*Nara ħajti*
*Titfarrak f'elf biċċa*
*Bħal mera*
*Li tinkiser u ssir frak.*
*Kull farka tagħmel*
*Parti minni.*

*Ma nafx*
*Fejn jien miexi*
*Għax hemm dalma kbira*
*Ġo ruħi.*
*Insejjaħ*
*U leħni jirbombja*
*Lura jiġi f'widnejja.*
*Leħnek ma nismax*
*Idek f'idi ma nħossx aktar.*

*Passiġġati twal*
*Li terraqna flimkien*
*Fis-sajf, taħt xemx sħuna –*
*Saqajna ħafjin*
*Jogħdsu ġor-ramel*
*Imxarrab bit-tmellis*
*Tal-mewġ ikħal.*

*Niftakrek iġġorni*
*Fuq spallejk felħana*
*Bħal tifel żgħir*
*Nitgeddes fi ħdanek.*
*It-tgħanniqa tiegħek*
*Is-sħana ta' mħabbtek*
*Nagħrafha mill-ewwel.*

*Imm'issa f'dad-dlam*
*Ma nħossokx*
*Ma narak imkien.*
*Insejjaħ u nokrob*
*- Weġibni mill-ġdid*
*Bħal fl-ewwel imħabba.*
*Meta lilek skoprejt*
*Maħbub tiegħi.*
*Imxennaq għalik*
*Bin-nixfa f'ilsieni.*

*Il-mużika waqfet*
*Fadal biss is-skiet*
*Il-vojt ġewwa ruħi.*
*It-taħbit ta' qalbi*
*Ġo dal-ġisem*
*Dgħajjef, imfarrak, għajjien.*

*U ma' kull taħbita*
*Nittama, nistenna*
*t-taħbita ta' qalbek*
*ma' tiegħi*
*mill-ġdid.*



L-Isqof Emanuel Barbara jasal fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt, għaċ-ċelebrazzjoni tal-Pontifikal, fejn ikun milqugħ mill-Provinċjal tal-Kapuċċini Patri Dominic Mangani, Mons. Lawrenz Mifsud u Mons. Philip Calleja.

# PONTIFIKAL TA' MONS. EMANUEL BARBARA OFMCAP, ISQOF TA' MALINDI, FIL-KON-KATIDRAL TA' SAN ĠWANN, VALLETTA



L-Isqof Barbara assistit mill-Arċisqof Pawl Cremona u n-Nunzju Appostoliku Tommaso Caputo japplawdu għad-diskors ta' introduzzjoni tal-Isqof Pawlu Darmanin.

Il-Ġimgħa, 11 ta' Novembru 2011, Mons. Emanuel Barbara, Isqof ta' Malindi, il-Kenja, iċċelebra quddiesa ta' radd-il ħajr lil Alla fl-okkażjoni tal-Ordinazzjoni Episkopali tiegħu. Il-quddiesa saret fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Huwa kien akkumpanjat minn Nunzju Appostoliku għal Malta, Mons. Tommaso Caputo u mill-Arċisqof ta' Malta, Mons Pawlu Cremona. Jikkonċelebraw ukoll kien hemm Mons. Pawlu Darmanin, Isqof ta' Garissa, fil-Kenja, l-Arċisqof Emeritus Mons. Ġużeppi Mercieca, l-Isqof Emeritus Mons Adeodato Micallef OCD, il-Vigarju Ġenerali, il-mibki Mons. Annetto Depasquale u bosta saċerdoti Djoċesani u Reliġjużi, fosthom għadd numeruż ta' Patrijiet Kapuċċini.

Fost il-ħafna mistednin għal din l-okkażjoni kien hemm l-Aġent President ta' Malta l-Onor. Is-Sur Anton Tabone u l-Prim Ministru, l-Onor. Dr Lawrence Gonzi. Fil-bidu tal-quddiesa Mons. Pawlu Darmanin għamel diskors ta' merħba li fiha fakkar kif sentejn ilu f'dak l-istess Katidral, huwa flimkien ma' bosta minn dawk li kien hemm preżenti kienu nġabru għall-funeral tal-ewwel Isqof ta' Malindi, Mons. Francis Baldacchino. Wara l-Ministru Provinċjal, Patri Dominic Mangani, f'isem l-Aħwa tal-Provinċja Kapuċċina Maltija, ippreżenta lil Mons. Barbara mitra rrakmata bid-deheb bħala rigal tal-Provinċja għal din l-okkażjoni ta' ferħ. L-omelija tal-quddiesa saret minn Mons. Pawlu Cremona. L-għada, imbagħad, sar riċeviment tal-okkażjoni fis-sala The Palms, f'San Ġiljan, li għaliha kienu mistedna bosta benefatturi u ħbieb tal-Missjoni.

## INTRODUZZJONI MINN MONS. PAWLU DARMANIN OFMCAP, ISQOF TA' GARISSA - KENJA

*Għeżież Ħuti,*

*Ilqajt bil-ferħ din l-istedina li nagħmel dawn iż-żewġ kelmiet fil-bidu ta' din il-quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla, ta' Monsinjur Isqof Emanuel Barbara. Ma*

L-Isqof Pawlu Darmanin waqt li qed jagħmel introduzzjoni tal-okkażjoni u jagħti merħba lil dawk preżenti għall-Pontifikal immexxi minn Mons. Emanuel Barbara.



nħossx li għandi nintroduċih magħkom. Tafu min hu, u għalhekk ġejna llum f'din l-okkażjoni. U lanqas nifhem li għandi nagħtih ġieħ, nagħtih merħba, f'dan il Kon katidral majestuż. Merħba diġà mogħtija lilu mill-Arċidjoċesi li diġà laqgħetu fih.

Huwa Kon-katidral li jfakkarni f'ħafna ġrajjiet, l-iżjed żewġ avvenimenti ta' importanza kbira maqgħudin anki fl-okkażjoni ta' llum. Kien propju sentejn ilu, f'dan l-istess post, ħafna minna ġejna hawnhekk biex insellmu lil Huna, l-Isqof Francis Baldacchino, wara l-ħidma kbira tiegħu fil-Missjoni, kemm f'Garissa u kemm bħala l-ewwel Isqof ta' Malindi. L-istess Djoċesi li l-Mulej sejjaħ lill-Isqof Emanuel Barbara li jkompli jsaħħaħ fuq il-pedamenti sodi li waqqafha l-ewwel Isqof tagħha. Djoċesi li twieldet mid-djoċesi ta' Garissa, u dan ifakkarni fuq nota personali, meta jrċevejt l-istess uffiċċju, tal-istess missjoni ta' Isqof minn idejn l-Arċsiqof Emeritus hawn preżenti, Ġużeppi Mercieca. Inħossni rikonoxxenti ħafna lejh u nirringrazzjah wkoll bil-qalb. U ngħidlu anki happy birthday, għax għalaq 83 sena propju llum.

Inħoss li dawn huma ġrajjiet maqgħudin mal-Provinċja Kapuċċina Maltija, li llum hija mmexxija mill-Provinċjal il-ġdid Patri Dominic Mangani, u ma' tant missjunarji oħrajn li taw bidu u seħħew il-Knisja fil-Kenja għal dawn is-snin kollha, il-kontribut missjunarju tal-gżejjer tagħna. Ta' min jirringrazzja ħafna ħafna għalih lill-Mulej. Nemmen li din il-ħidma se titkompla u tissaħħaħ iżjed bil-kontribut tal-Isqof Emanuel Barbara, li ġie ferm milqugħ mill-Konferenza tal-Isqfijiet fil-Kenja, li nista' nwassal il-vuċi ta' awguri tagħhom ukoll u ta' għaqda ta' talb miegħu, u mal-Knisja kollha.

Awguri, Isqof Emanuel Barbara.

## OMELIJA TA' MONS. PAWL CREMONA OP, ARĊISQOF TA' MALTA

Ħuti, aħna qegħdin nagħmlu din iċ-ċelebrazzjoni biex nestendu fiż-żmien u fl-ispazju dak il-ferħ kbir li kien hemm ġewwa Malindi, meta saret l-Ordinazzjoni Episkopali ta' Monsinjur Emanuel Barbara. Fiż-żmien għaliex saret fl-1 t'Ottubru. Fl-ispazju għaliex mill-Kenja ġibnieh ġewwa fina, u waqt li hemmhekk ferħu għaliex kienu qed jilqgħu Isqof ġdid, aħna fraħna għaliex dan l-Isqof ġdid ġie propju minn din il-Knisja tagħna li qegħda tgħin lil Knisja ġewwa l-Kenja biex dejjem aktar tikber.

U jiena xtaqt naqsam magħkom daqsxejn xi tkun il-ħidma tal-Isqof fil-post. U l-ewwel ħaġa li xtaqt ngħid hija li l-missjoni tal-Knisja tibda mill-imħabba ta' Alla l-Missier li għandu lejn kull persuna li hawn fuq din l-art. Alla l-Imbierek iħobb kull persuna għax hu ħalaqha xbiha tiegħu, raġel u mara hu ħalaqhom. U anki meta Alla l-Imbierek, għall-ewwel darba ġie fid-dinja biex jibqa' ġewwa fiha permezz ta' poplu, qiegħed nitkellem fuq Abraham, Alla l-Imbierek, qallu, Abraham jien se mbierkek, imma permezz tiegħek se jitbierku l-ġnus kollha. L-imħabba ta' Alla l-Missier lejn il-ġnus kollha tal-art, ippermettuli l-kelma, ġegħlitu biex hu jibni poplu fuq Abraham u dan il-poplu jkun il-preżenza ta' Alla fid-dinja li qegħdin ngħix fiha. Ovvjament din l-imħabba ta' Alla ntweriet aktar u aktar meta Sidna Ġesù Kristu, propju fl-aħħar mument mad-


*Dehra maestuża tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann waqt il-Pontifikal mill-Isqof Barbara.*



L-Isqof Emanuel Barbara jirċievi Mitra dekoruża mingħand il-Provinċjal Patri Dominic Mangani b'tifkira tal-okkażjoni f'isem l-Aħwa Kapuċċini Maltin.



L-Arċisqof Pawl Cremona fil-ħin tal-Omelija.

*dixxipli tiegħu, mal-Appostli, qalilhom:* **"morru fid-dinja kollha u xandru l-Bxara t-Tajba"**.

*U aħna nafu li l-Isqof Barbara sejjer ġewwa Malindi mhux għall-Insara ta' Malindi biss, imma sejjer b'imħabba kbira lejn dawk il-bnedmin kollha li jinsabu fit-territorju tad-Djoċesi tiegħu. U hu jrid jwaslilhom din il-kelma ta' Alla l-Missier lejn kull persuna. Iktar minnhekk, l-Isqof irid ikun ix-xbiha ta' din l-imħabba lejn kull persuna għaliex minnha toħroġ il-verità dwar ir-relazzjoni tal-bniedem ma' Alla l-Imbierek. Biżżejjed illum kellna dik il-lezzjoni sabiħa, l-ewwel lezzjoni ta' llum mill-ktieb tal-Għerf. U hemm l-awtur tal-ktieb tal-Għerf jibda jistagħġeb: "imma kif jista' jkun li dawn il-bnedmin waslu biex jifhmu l-kobor tal-ħolqien, imma ma waslux biex jifhmu kemm hu isbaħ u aħjar dak li għamilhom u jaslu biex huma jemmnu f'Alla l-Imbierek. Il-missjoni tal-Isqof Barbara se tkun propju biex jgħin lil poplu f'dak il-pajjiż, jiena qatt ma mort, imma min jaf kemm 'il darba rajna s-sbuħija ta' dak il-post. U minn hemmhekk lil dak il-poplu kollu jkun jista' jurieh li dan kollu huwa sinjal tal-imħabba ta' Alla l-Imbierek lejn dak it-territorju li hu fil-fatt id-Djoċesi tiegħu. U din hija l-ewwel missjoni.*

*It-tieni missjoni li għandha l-Knisja hija li tispjega verment min hu dan Alla. U allura ġie Ġesù Kristu fid-dinja. U meta ġie Ġesù Kristu fid-dinja tana esperjenza ta' Alla differenti minn kull esperjenza oħra ta' kull reliġjon oħra. U din l-esperjenza kienet li Alla l-Imbierek, skont Sidna Ġesù Kristu, mhuwiex Alla li jibqa' 'l bogħod minna, Alla li jinżel għalina. U allura urina xi ħaġa li ma tantx nistgħu nifhmu,*

l-Isqof Barbara, fi tmiem tal-omelija, juri l-apprezzament tiegħu lill-Arċisqof Pawl Cremona.





L-Isqof Barbara jirċievi l-offerti mingħand oħtu, is-Sinjura Doreen u żewġha John Buttigieg.

imma rridu naċċettawha bil-fidi u nistqarruha, li l-bniedem falla li, spjega Sidna Ġesù Kristu, huwa fiċ-ċentru ta' Alla. Jekk l-Iben ta' Alla sar bniedem sar għalina. Jekk l-Iben ta' Alla miet għalina sar għal kull wieħed u waħda minna. U allura għandna din it-tieni missjoni li aħna nispjegaw, la darba Alla l-Imbierek kien kapaċi jibgħat lil Ibnu għalija, dak jiġifieri d-dinjità tiegħi hija dinjità li ebda moħħ uman ma jista' jifhimha jekk ma jipprovax jidħol f'dak li għallem Sidna Ġesù Kristu. U allura llum fl-Evanġelju aħna sibna xi ħaġa li hija fil-qofol ta' dak li għallem Sidna Ġesù Kristu. Hija l-identifikazzjoni tiegħu mhux biss mal-bniedem, imma l-identifikazzjoni tiegħu b'mod speċjali ma' dawk il-bnedmin li qegħdin isofru u allura l-bnedmin l-oħra, kultant isibuha ħafna faċli li jwarrbuha, ħafna faċli li jinsewha. Imma Ġesù urina d-dinjità li hemm f'kull persuna ma tinħarabx billi l-persuna hija marida, billi l-persuna hija fil-ħabs, billi din il-persuna hija bil-ġuħ, hi mwarrba. U jiena naf, l-Isqof Barbara se jkollu l-missjoni tiegħu li huwa jmur propju wara dawn in-nies. Hemmhekk se jsib ħafna aktar milli forsi nsibu fil-pajjiżi tal-punent. U hemmhekk jurihom mhux biss jgħinhom, imma jurihom id-dinjità kbira tagħhom f'isem il-Mulej Ġesù. Kif jista' jkollok dinjità ikbar milli inti xi darba f'ħajtek tagħraf li Sidna Ġesù Kristu identifikat miegħek u int identifikat mal-Iben ta' Alla li sar bniedem. U din hija l-missjoni tal-imħabba, tal-karità, tas-solidarjetà, li aħna rridu, u l-Isqof Barbara, b'mod speċjali, jrid iwassal lil dan il-poplu tiegħu. Dan Alla li jsir bniedem bħali biex jurina d-dinjità tiegħi u jgħolliha għaliex jgħaqqadha ma' tiegħu.

It-tielet missjoni li l-Knisja jkollha, u hawn tidħol il-Knisja wara dawn iż-żewġ veritajiet. Mela l-imħabba ta' Alla lejn kull bniedem. Alla kif muri minn Sidna Ġesù Kristu, tidħol it-tielet missjoni li se jidħol għaliha l-Isqof Emanuel Barbara. U din il-missjoni hija li dan kollu jrid iseħħ għaliex Alla l-Imbierek, propju ħalla l-poplu tiegħu f'komunità nisranija li hemm ġewwa d-djoċesi ta' Malindi biex tkun hi li twassal dan kollu lil oħrajn. X'inhi komunita nisranija? L-Isqof Barbara meta jmur hemmhekk irid jara li l-poplu tiegħu verament magħġun fil-kelma. Irid ikun poplu li huwa mqaddes bis-sagramenti. Irid ikun popolu li huwa msaħħaħ għaliex ġo fih għandu ż-żerriegħa tal-Evanġelizzazzjoni li ġiet mill-magħmudija tiegħu. U allura l-missjoni tiegħu bħala Isqof hija li jgħin, mhux li jagħmel l-affarijiet hu, imma li jgħin lil dawn l-aħwa kollha skont l-istati differenti kollha li jinsabu fihom, mhux importanti, imma importanti li jkunu magħmmdin, biex huma jagħmlu, ikunu verament sinjal għal dawk li ma jemmnux, ta' dawn



L-Isqof Emanuel Barbara, fil-ħin ta' wara l-konsagrazzjoni, assistit mill-Isqfijiet (x – l): Mons. Annetto Depasquale, Mons. Pawlu Darmanin, l-Arċisqof Pawl Cremona, in-Nunzju Tommaso Caputo, Mons. Adeodato Micallef u Mons. Ġużeppi Mercieca.



Mons. Barbara jqarben lill-E.T. l-Aġent President ta' Malta, is-Sur Anton Tabone.

il-veritajiet kollha. U din hija t-tielet missjoni li l-Isqof Barbara se jmur hemmhekk ġewwa Malindi f'isem il-Knisja u f'ismna wkoll li se jagħti lil dan il-poplu, din il-Knisja, li issa ġiet fdata f'idejh.

Ħuti jiena nagħlaq din ir-riflessjoni tiegħi billi ngħid xi ħaġa li llum il-Knisja qegħda tgħid. X'inhi missjoni? Missjoni hija li jkollha Knisja, komunità ekkleżjali li hija ffurmata u din il-komunita ekkleżjali ssib xitla ta' komunità oħra f'post ieħor u tgħinha sa ma tikber. Tgħinha bil-mezzi kollha li għandha, bil-persuni, bil-għajnuna li hemm, sakemm dik il-komunità tidħol fil-maturità tagħha. U din hija l-missjoni li għandhom propju l-missjunarji kollha madwar l-Isqof Barbara fil-post ta' Malindi. Allura l-awguri tiegħi huma propju, li l-Mulej jagħtik ħafna snin, Eċċellenza, biex inti f'dak il-poplu, iktar ma jgħaddi żmien, iktar tieħdu bħala l-kliem ta' Sidna Ġesù Kristu u jien xtaqt nieħu bħala l konklużjoni l-kliem tas-silta mill-ittra ta' San Pietru tal-lum għax jitkellem: ***"bħala presbiteru u presbiteru jien ukoll"***, u suppost tkun il-missjoni u l-ispirtu tal-missjoni tiegħek, ***"igħraw il-merħla ta' Alla fdata f'idejkom. Ħudu ħsiebha mhux bilfors, imma minn qalbkom, bil-ħajja, bil-ħeġġa tal-imħabba billi tkunu eżempju tal-merħla"***. Mhux ta' b'xejn San Pietru jagħmel dan il-kliem kollu qawwi, għaliex din il-komunità ekklesjali

trid tkun dik li permezz tagħha, l-oħrajn iridu jemmnu dak kollu li ġà qalilna l-Mulej Ġesù. Nerġa' nawguralek, aħna l-ferħ tagħna li minn Malta ħarġet din l-għajnuna, u nawguralek għal bosta snin, bl-għajnuna li aħna nagħtu bħala Knisja f'Malta, bil-wirt li inti rċevejt mingħand l-Isqof Francis Baldacchino, iġġib din il-komunità għall-missjoni tagħha. Grazzi ħafna talli aċċettajt din il-missjoni kbira.

## MESSAĠĠ MINN NUNZJU APPOSTOLIKU MONS. ISQOF TOMMASO CAPUTO

Mhux biss huwa d-dover tiegħi, iżda anki b'sodisfazzjon għalija li f'isem il-Qdusija Tiegħu, il-Papa Benedittu XVI, nawguralek, għażiż Isqof Emanuel Barbara.

Inti iben il-Knisja f'Malta. Hija wieħed mill-pajjiżi evanġelizzati minn San Pawl, l- Appostlu tal-ġnus, li qed toffri wieħed minn uliedha biex jaqdi lill-Knisja lil hinn minn xtutha, f'art tal-Missjoni. Ma nħossx ħlief li nirringrazzja lill-Mulej għall-ġenerożità tal-Knisja f'Malta u f'Għawdex li b'mod ħaj jissapportjaw il ħidma missjunarja permezz ta' għajnuna finanzjarja qawwija, kif ukoll permezz ta' għadd kbir ta' missjunarji, saċerdoti, reliġjużi, irġiel u nisa, flimkien ma' għadd ta' lajċi.



Mons. Barbara juri l-apprezzament tiegħu lil Nunzju Mons. Tommaso Caputo għal kelmtejn ta' awgurju.

Ir-rabta bejn Malta u Malindi nemmen li tkompli tissaħħaħ. Monsinjur Isqof Barbara, inti kont Ordnat saċerdot 37 sena ilu f'dan l-istess Katidral majestuż. Inti servejt lill-Knisja u l-Ordni Kapuċċin b'diversi modi, kemm f'Malta kif ukoll fil-Kenja. Issa l-merħla ta' Kristu f'Malindi, nieqsa mir-ragħaj tagħha, l-għażiż Isqof Francis Baldacchino, għal dawn l-aħħar sentejn, b'ħerqa kbira qed tistenniek tirritorna f'nofsha. Jalla z-zelu u l-qalb missjunarja tiegħek ikunu jixbhu lil dawk ta' Ġesù Kristu, ir-Ragħaj it-Tajjeb. Mur, Ġesù qed jgħidlek, irgħa n-ngħaġ tiegħi.

Nawguralek ħidma fejjieda.

## GĦELUQ MINN MONSINJUR EMANUEL BARBARA, ISQOF TA' MALINDI

Imiss lili, issa, li ngħid ftit kliem ta' ringrazzjament. L-ewwel ħaġa rrid nirringrazzja 'l Alla li qed jagħtini din l-okkażjoni li nirringrazzjah f'din il-Knisja Maltija fil-preżenza tal-għola awtoritajiet tal-Knisja kif ukoll tal-pajjiż hawn preżenti. Nirringrazzjah li twelid f'Malta. Nirringrazzjah tas-sejħa li nkun magħmmed fil-Knisja ta' Kristu. Nirringrazzjah illi sejjaħli biex inkun persuna kkonsgrata fil-ħajja reliġjuża Kapuċċina, li nservi lill-Knisja bħala saċerdot, bħala missjunarju u issa bħala Isqof. Irrid ngħid grazzi kbira għal grazzja tiegħu, minkejja l-fraġilità tiegħi bħala bniedem. Hu dejjem sostnieni, ħafirli u ħabbni.

Grazzi lill-Monsinjur Arċisqof li miegħu għandi rabta speċjali, mhux biss għax konna nafu lil xulxin qabel, anki f'ħidmiet li kellna flimkien, imma anki għaliex, ftit ġranet wara n-nomina, u ġejt hawnhekk f'dan il-Katidral għal ċerimonja, kien hu stess li tani dan is-salib pettorali li qiegħed inġorr. U għalhekk l-Arċisqof qiegħed mhux biss f'moħħl bħala rikordju, imma anki f'xi ħaġa ħajja, is-salib li aħna bħala Isqfijiet inġorru magħna. Grazzi mill-ġdid, Eċċelenza.

Grazzi mill-ġdid lil Nunzju Appostoliku ta' Malta, Monsinjur Tommaso Caputo, li kien hu li ħabbarli u għarrafni minn qabel il-ħatra tiegħi bħala Isqof ta' Malindi, qalli, nhar it-2 ta' Lulju, li hemm Isqof li jixtieq ikellimni. Jien għedt li forsi hemm xi Isqof li jixtieq jiġi hawn Malta għal xi ġranet ta' mistrieħ. Għal kuntrarju kien in-Nunzju ta' Nairobi, l-Kenja, li qalli propju li l-Qdusija Tiegħu l-Papa għażlek Isqof ta' Malindi. Eċċellenza, inti kont l-ambaxxatur ta' din l-aħbar. Nirringrazzjak li tinsab hawn magħna




bil-preżenza tiegħek fostna. Aħna ċerti mir-rabta tagħna fil-fidi ma' Kristu u mal-Knisja tiegħu, mal-Papa li jgħid li l-Knisja hija universali. Il-ġrajja tal-lum, il-preżenza wkoll ta' tant barranin, mhux biss Maltini, li l-Knisja hija verament Kattolika, li għandha bħala għan is-salvazzjoni ta' kulħadd bla ebda eċċezzjoni. Irrid anki nirringrazzja lill-Isqfijiet hawn preżenti.

Nerġa' mill-ġdid mill-qalb nawgura lill-Arċisqof Emeritus, Monsinjur Mercieca, il-Mulej ikompli jseddqu u jagħtih l-għajnuna wara ħidma twila jmexxi din il-gżira ta' Malta. U lill-Isqfijiet kollha li għoġobhom jiġu l-lejla jonurawna bil-preżenza tagħhom. Nixtieq nirringrazzja lill-Kapitlu tal-Katidral li permezz ta' Monsinjur Mifsud, id-Dekan tal-Kapitlu, mal-ewwel urew ix-xewqa illi jien niġi hawn biex nagħmel il-quddiesa ta' ringrazzjament. Grazzi ta' dan l-invit kif ukoll lill-Arċisqof tal-kollaborazzjoni illi nsibu kull meta jkun hawn okkażjonijiet bħal dawn biex inkunu nistgħu niġu f'dan il-post li jgħaqqadna lkoll bħala Nsara Maltin.

Grazzi lill-Provinċjali hawn preżenti, lis-saċerdoti u reliġjużi Maltini u barranin. F'din l-okkażjoni wkoll b'mod speċjali nagħti merħba u nirringrazzjah lill-Viċi Provinċjal tal-Viċi Provinċja Ġenerali tal-Kenja Fr George Muthaka li appositament jinsab magħna, kif ukoll lill-Fr Kileo li nzerta kien f'Malta f'dawn il-granet.

Nixtieq nirringrazzja lill-Aġent President ta' Malta, l-Eċċellenza Tiegħu, is-Sur Anton Tabone, talli għoġbu jonorana bil-preżenza tiegħu. Il-preżenza tiegħu kif ukoll dik tal-Prim Ministru, l-Onorevoli Dr Lawrence Gonzi turina dak li aħna bħala Nsara. Aħna m'aħniex maqtugħin minn pajjiżna, imma aħna kontribut siewi li nġibu l-valuri li writna minn Kristu li jagħmlu s-soċjetà aktar umana. Grazzi wkoll lis-Sinjorija Tiegħu, il-Prim Imħallef, Dr Silvio Camilleri.

Fl-aħħar, iżda mhux inqas, grazzi lil għażiża oħti Doreen, li flimkien mal-familja tagħha, qegħda hawnhekk illum mistrieħa, iżda mhux inqas pre-okkupata li kollox imur sewwa u grazzi wkoll tal-paċenzja li tieħu bija. Ninkludi wkoll f'dan ir-ringrazzjament lil John, ir-raġel tagħha, qraba, ħbieb u benefatturi tal-Missjoni li f'qies dak li tfisser l-Ewkaristija, intom qed tgħixuh b'risq il-Missjoni permezz tal-ġenerożità li turu kull darba li nkunu fostkom. •



L-Isqof Mons. Emanuel Barbara waqt id-diskors tal-għeluq fit-tmiem tal-Pontifikal.





# GĦADIRA ĊKEJKNA

## NISILTU TAGĦLIMA

Fi klassi ta' skola primarja fejn it-tfal bniet u subien kellhom madwar 9 snin, tifel minnhom, Peter, kien qed jagħmel ħiltu biex jifhem dak li kienet qed tispjega l-għalliema tiegħu. F'ħin minnhom, Peter induna li kellu quddiem tal-qalziet imxarrab u taħtu kien hemm għadira ċkejkna.

Dak il-ħin qalb Peter għamlet tikk. Qatt qabel ma kien ġralu hekk. Moħħu beda jberren x'se jiġri meta sħabu t-tfal subien jindunaw; kif se jwaqqgħuh għaċ-ċajt. X'se jagħmulu sħabu t-tfal bniet; kif se jwarrbuh u ma jkellmuh qatt aktar.

Meta ġieh dan kollu f'moħħu, Peter tant inkwieta li beda jħoss qalbu bħal waqfet tħabbat. Baxxa rasu u f'qalbu għamel din it-talba ċkejkna, **"Għażiż Ġesù, din hi emerġenza. Għandi bżonn l-għajnuna issa għax sa ħames minuti oħra nkun qisni biċċa laħam mejta"**.

Peter għolla rasu u ra lill-għalliema riesqa lejh b'ħarsa f'għajnejha li għalih dehret tfisser li kien inqabad. Waħda minn sħabu bniet, Susie, indunat b'dak li kien ġara, qabdet il-bowl bil-ħut tal-ilma ħelu li kellha fuq il-ħoġor tat-tieqa ta' ħdejha u mxiet quddiem l-għalliema biha. Susie għamlet ta' bir-ruħha li tfixklet hekk kif waslet ħdejn Peter u l-ilma u l-ħut li kien hemm fil-bowl waqa' kollu f'ħoġor Peter.

It-tifel deher li qed jirrabja, iżda f'qalbu qal: **"Grazzi Mulej, Grazzi Mulej"**.

F'salt wieħed, Peter, li sa dak il-ħin kien qed jaħseb li b'dak li aċċidentalment ġralu kien se jiġi mwaqqa' għaċ-ċajt minn sħabu, minflok, sħabu kollha daru miegħu u bdew juruh id-dispjaċir tagħhom li l-ilma tal-bowl ixxerred fuqu u xarrbu. L-għalliema malajr, malajr ħaditu fil-Gym, u tagħtu qalziet qasir sakemm dak tal-iskola jinxef. Fl-intervall, it-tfal tal-klassi xxuttaw l-art u kif setgħu, ġabru l-ħut li kien waqa'.

Ġara li, meta Susie marret biex tgħin lil sħabha jnaddfu l-art mill-ilma, dawn warrbuha 'l hemm għax bilkemm ma ridux jgħidulha **"li kienet bla grazzja"** u li ma kenitx kapaċi żżomm il-bowl bl-ilma f'idejha mingħajr ma twaqqagħha.

Meta spiċċat l-iskola u t-tfal sabu ruħhom jistennew il-minibus biex toħodhom id-dar, Peter sefsef f'widjen Susie: **"Inti apposta waqqajtha l-bowl, hux hekk?"** Susie rrispondietu wkoll f'widnejh: **"Anki jien darba xxarrabt l-iskola"**.

Spiss nisimgħu l-espressjoni: it-talb iċaqlaq il-blat. Din l-istorja turi kemm dan huwa veru. Peter talab u qala'. Il-Mulej ħelsu minn stat ta' misthija ma' sħabu. Kull wieħed u waħda minna, jiġu mumenti li fihom inħossuna mitlufin; ma nafux fejn se nagħtu rasna minħabba xi raġuni jew oħra. Titlef lil xi ħadd viċin tiegħek u għażiż għalik u tħoss id-dinja ta' madwarek qed tispiċċa. Tistaqsi lilek innifsek u lill-Mulej: Għaliex? U risposta ma ssibx. Tistaqsi għaliex kellu jiġri dan lili meta hawn tant nies li ħlief jagħmlu d-deni lil għajrhom ma jafux! Anqas għal din ma ssib risposta. Induru lejn il-Mulej u nitolbuh jgħinna nsibu s-soluzzjoni meħtieġa. Induru lejn il-Mulej u nitolbuh:

**"Missier, berikni. Bierek lil qrabati, lil ħbiebi u lil dawk li jkolli x'naqsam magħhom fil-ħajja tiegħi ta' kuljum. Urina li inti tħobbna u li inti tista' kollox. Spirtu Qaddis, itfa' fuqna lkoll il-ħniena tiegħek. Fejn hemm l-uġigħ, agħtina l-paċi u ħenn għalina. Bierek il-familji u d-djar tagħna, il-finanzi tagħna u dak kollu li hu għażiż għalina. Ammen."** •



# KONT BIL-GUĦ U TMAJTUNI KONT BIL-GĦATX U SQEJTUNI

Fil-midja internazzjonali, f'dawn l-aħħar xhur, ma naqsux l-aħbarijiet fuq is-sitwazzjoni ta' ġuħ li ħakmet xi pajjiżi fil-Horn of Africa, l-aktar is-Somalja u l-parti ta' fuq tal-Kenja li fil-fatt hija konfini mas-Somalja. Id-Djoċesi ta' Garissa tinsab sewwasew f'din il-parti tal-Kenja maħkuma minn nuqqas kbir ta' xita li jġib imbagħad tbatija fost in-nies.

Peress li l-parti l-kbira tan-nies fid-Djoċesi ta' Garissa il-ħajja tagħhom tiddependi fuq il-bhejjem li jkollhom, bħal ngħidu aħna mogħoż, baqar u iġmla, bin-nuqqas ta' xita għal perjodu ta' snin, il-bhejjem jibdew imutu. Meta jiġri hekk, dawk li jkun għad baqgħalhom xi bhejjem ikollhom imorru 'l bogħod biex isibu fejn jirgħu. Ġieli anki jkollhom jaqbżu l-fruntieri u jmorru f'pajjiżi oħra bil-bhejjem b'kollox, u jħallu lin-nisa u t-tfal tagħhom warajhom. Dawn in-nisa u t-tfal ifittxu li jimxu lejn postijiet li huma abitati bit-tama li jsibu xi qraba jew nies oħra li jgħinnuhom biex jgħixu. L-istess jagħmlu dawk li l-imrieħel tagħhom jinqerdu bil-għatx. F'sitwazzjoni bħal din, fejn in-nies digà jkunu qed iħossu l-piż



*Nies qed jistennew l-għajnuna ta' ikel wara d-dar tal-Kappillan ta' Garissa.*

tal-ħajja, li dejjem qed togħla, jkollhom jaqsmu l-ftit li jkollhom ma' oħrajn li ma jkollhom xejn.

Quddiem din ir-realtà, il-Knisja fid-Djoċesi ta' Garissa, għalkemm il-Kattoliċi huma minoranza żgħira, paragunata mal-maġġoranza ta' Musulmani li jgħixu f'dawn l-inħawi, dejjem urit il-preżenza tagħha billi tipprovdi għajnuna ta' ikel lil dawn in-nies. Il-kuntatti li għandu l-Isqof ta' Garissa, Mons. Paul Darmanin, ma' diversi organizzazzjonijiet internazzjonali, jagħmluha possibbli li l-Knisja ġġib fondi jew ikel biex itaffu l-problema ta' ġuħ u xi drabi wkoll ta' nuqqas ta' ilma. Fost dawn l-organizzazzjonijiet li bħalissa qed jaħdmu fid-Djoċesi ta' Garissa hemm, il-Caritas Kenya, il-Caritas Swiss, il-Caritas Spain, u s-CRS (Catholić Relief Services – organizzazzjoni tal-Konferenza Episkopali tal-USA). Dawn l-organizzazzjonijiet qed jaħdmu fuq proġetti kbar u fit-tul.

Iżda bħala emerġenza l-Isqof qed jirċievi għajnuniet oħra minn diversi ħbieb u benefatturi tal-mMissjoni u minn Għaqdiet, parroċċi u djoċesijiet oħra minn barra l-Kenja, kif ukoll mis-Segretarju Provinċjali tal-Missjoni Patri Crispin Tabone, li għandu l-uffiċċju tiegħu fil-kunvent tal-Kapuċċini, il-Furjana. Din



"B'dawn il-proġetti, kbar u żgħar, il-Knisja qegħdha tkun preżenti u tagħti xhieda tal-Evanġelju mhux bil-kliem u l-priedki, iżda bil-fatti. Il-Knisja hawn qed tgħix il-kmand tal-Mulej: kont bil-ġuħ u tmajtuni; kont bil-għatx u sqejtuni."

l-għajnuna ta' emerġenza tikkonsisti filli l-Isqof iqassam dawn id-donazzjonijiet li jaslulu f'kull parroċċa tad-Djoċesi u l-kappillan responsabbli, flimkien mas-saċerdoti, reliġjużi u lajċi voluntiera li jaħdmu fil-parroċċi rispettivi jieħdu ħsieb jaraw min minn fost in-nies huma l-aktar fil-bżonn u jqassmulhom l-ikel. L-ikel jinxtara mill-istess post fejn hemm il-parroċċa biex fl-istess ħin wieħed ikun qed jgħin l-ekonomija tal-post, u ma jinħeliex żmien u spejjeż sabiex l-ikel jiġi trasportat mill-bogħod.

Kull familja, ġeneralment l-omm, li hija dejjem id-dar u hija hi li tieħu ħsieb lil uliedha, tirċievi ammont ta' ross, tqiq, fażola, żejt u żokkor. Dan Il-proġett ta' emerġenza qed igawdu minnu n-nies, Musulmani u Nsara, li jgħixu fl-inħawi tal-parroċċi tad-Djoċesi, fosthom Garissa, Wajir, Bura, Hola u Wenje. Sakemm l-isqof jibqa' jirċievi għajnuna bħal din ta' emerġenza, allura n-nies ikunu jistgħu jibqgħu jieħdu b'mod regolari dan l-ikel.

Din l-għajnuna umanitarja u fl-istess ħin skond it-tagħlim tal-Mulej Ġesù, il-Knisja f'Garissa qed tagħtiha u tista' tkompli tagħtiha, grazzi għal tant qlub ġenerużi, fosthom dawk ta' Maltin u Għawdxin li, anki mill-ftit li għandhom, qegħdin jaqsmuh ma' dawn li m'għandhom xejn. Niftakru li dak li nagħmlu ma' min hu fil-bżonn, il-Mulej iqisu daqs li kieku magħmul miegħu.

**Il-Mulej jagħtikom is-sliem!** •



*Il-Kappillan ta' Garissa, Fr Clement, mgħejjun mid-Djaknu John, iqassmu l-ikel lin-nies.*





# IL-BNIEDEM U N-NISRANI F'DUN KARM (1)

Din il-kitba hija prinċipalment ġabra tal-osservazzjonijiet li jagħmel il-Professur Oliver Friggieri fl-edizzjoni annotata ta' Il Jien u lilhinn Minnu (Pubblikazzjoni Toni Cortis, 1988), bl-estensjoni ta' riflessjonijiet u kummenti fuq ir-referenzi għal Santu Wistin fejn tipprova toħroġ għad-dawl xi paralleliżmi bejn il-ħsibijiet ta' Dun Karm u Santu Wistin dwar il-bniedem li jaħseb, jirraġuna miegħu nnifsu, u jiddubita, iżda wkoll li jittama u jemmen.

## IX-XENARJU ĠENERALI

Fl-edizzjoni kritika ta' Dun Karm: Il-Poeżiji Miġbura (1980), Oliver Friggieri jiddeskrivi l-poeżija bħala **"il-kixfa tal-emozzjonijiet"** li huma **"il-wirt l-iżjed għani tal-bniedem" (p. 34). Din l-esperjenza eżistenzjali, waqt li tagħżel 'il-poeta mill-bqija tal-kotra, tissimbolizza l-istorja u n-narrattiva personali tal-bniedem. Friggieri jiddeskrivi dawn iż-żewġ tendenzi bħala djalettika bejn il-poeta magħżul għalih waħdu mill-kotra u merfugħ 'il fuq minnha"** u l-poeta **"interpretu fidil"** ta' tiġrib il-bniedem (ibid., p. 34). Hawnhekk se nargumenta kif, fil-kwadru ta' din id-djalettika fl-istess personalità li hi l-bniedem, jidher il-primat tal-persuna fil-poeżija ta' Dun Karm. F'termini filosofiċi, nistgħu nsejħulu l-personaliżmu fil-poeżija ta' Dun Karm.

F'din il-perspettiva filosofika-psikoloġika, Dun Karm imur lilhinn mill-ispazju limitat ta' pajjiżu u l-kultura nazzjonali biex jagħti bidu għall-vjaġġ ta' tiftix f'ruħu. Minn narratur tal-istorja ta' pajjiżu u pittur tal-kampanja Maltija u tal-karattru ta' bosta wlied ir-raba', Dun Karm isir il-vjaġġatur attent li jfittex il-verità u s-sens tal-eżistenza umana. Mill-istorja nazzjonali jgħaddi għan-narrattiva personali, mid-dinja tal-ambjent naturali Malti jgħaddi għal stqarrija ta' dubji fil-kuxjenza, mill-esterjorità temporanja jgħaddi għall-interjorità permanenti. Il-poeżija xhieda ta' din il-bidla tal-istat u l-attitudni tal-poeta hija diversa. Hekk, fi ***Lill-Kanarin Tiegħi***, Dun Karm jgħaddi mill-ġmiel tal-ħajja tal-għasfur lelluxi għad-drabi ta' solitudni meta **"l-ħobż li niekol huwa mxarrab bid-dmugħ"** u għaż-żmien meta sab **"xewk u għolliq"** fejn kien żara' l-ward bil-kotra.



Iżda jemmen li 'l fuq mis-solitudni u l-frustrazzjonijiet tal-ħajja hemm it-tama. It-tama hi l-qawwa li, waqt li ma tneħħix is-sens tal-frustrazzjoni, tegħleb il-biżgħa u tikseb il-fiduċja fil-kwalitajiet pożittivi tal-bniedem. Mill-ġdid, Dun Karm jerġa' juri r-ritratt ta' ħajtu fi ***Il-Ġerrejja u Jien*** fejn id-dgħajsa ħafifa **"taħt ir-rażan tat-tmun"** hi u taqta' 'l barra fuq il-baħar, jaraha bħala l-figura ta' ħajtu. Fid-dgħajsa li tibda l-vjaġġ tagħha fuq il-baħar filgħodu kmieni maż-żerniq, hemm iż-żewġ elementi ewlenin li jikkondizzjonaw il-ħajja tal-bniedem - l-ispazju u ż-żmien. Il-medda taż-żmien hi maqsuma fit-tliet waqtiet tal-ġurnata – iż-żerniq, il-jum u l-għabex.

Huma t-tliet waqtiet ta' ħajjet il-poeta: it-tfulija meta Dun Karm ra **"ix-xemx tal-ħajja tħammar"** fuqu, iż-żgħożija tfawwar bit-tamiet sbieħ bħalma **"jħaddru t-tamiet fil-ġonna"**, u l-ħajja tiegħu ta' adult jitbandal fil-qala'. Hu żmien imżewwaq b'burdati differenti għaddej f'kuntesti daqqa b'baħar kalm u daqqa mqalleb. Iż-żewġ sensi taż-żmien u l-ispazju raffigurati mill-medda tal-jum u x-xejriet tal-baħar bid-dgħajsa ġerrejja fuqu ifakkru 'l-poeta kif il-ħila tad-dehen u t-tama li tqawwi l-qalb għandhom is-saħħa li jegħlbu l-esperjenzi diffiċli tal-ħajja. Bħad-dgħajsa li taf x'joffri l-baħar meta jmellisha u meta magħha jħabbat mewġietu qalila, hekk Dun Karm ġarrab **"il-ġlieda mal-ħalel u mar-rwiefen"** mingħajr, iżda, ma xeħtuh taħt l-ilma għax **"il-ħila u deh'n ma naqsux fija."** Il-ġlieda u rebħa privata ta' Dun Karm issir il-ġlieda u r-rebħa tal-bnedmin kollha.

Dawn huma biss eżempji ta' kif il-poeżija ta' Dun Karm hi iżjed minn sempliċiment deskrizzjoni ta' oġġetti tan-natura jew imkien partikulari. Għalih il-ħlejjaq, il-postijiet u l-persuni li miegħu u bħalu jġarrbu l-ispazju u ż-żmien huma metafora ġenerali tal-bniedem imġarrab bla ma hu mkisser għax isib il-kuraġġ fit-tama. Huma l-qafas rappreżentattiv li fih il-poeta jiżviluppa l-idea tal-personaliżmu nisrani.

Il-personaliżmu ta' Dun Karm, imbagħad, isib l-aqwa espressjoni tiegħu fi Il-Jien u lilhinn Minnu li Dun Karm stess jikkwalifika bħala **"għanja tal-moħħ, tal-qalb u tar-ruħ"** (F'Friggieri, p. 75) – it-tliet elementi fundamentali tal-persuna umana. Dan ifisser li l-poeżija eżistenzjali ta' Dun Karm li tibda fi ***Il-Katakombi*** u tilħaq il-qofol tagħha fi ***Il Jien u lilhinn Minnu*** bi tweġiba għat traduzzjoni tal-poema ***L-Oqbra*** turi perijodu importanti ta' riflessjoni profonda fuq it-tifsira tal-ħajja. Għalhekk barra milli hi dokument letterarju, hi awtobijografija tal-poeta u dokumentazzjoni tal-esperjenzi u tiġrib tal-umanità kollettiva.

Għal Dun Karm, il-primat tal-persuna ma jinsabx fil-bniedem bħala ċ-ċentru tad-dinja jew fil-jien li, bis-saħħa tas-sensi u s-setgħa tar-raġuni, irid waħdu jaħkem il-ħolqien u lilhinn minnu. Hu personaliżmu li, waqt li jagħraf il-qawwa intellettwali tar-raġuni u l-ħlewwa tal-imħabba, jifhem il-ħtieġa tar-riferiment lejn Alla li fih isib is-sens tal-eżistenza. Hu tip ta' personaliżmu li jsib bilanċ bejn is-suġġettiviżmu, il-kuxjenza u l-Fidi. Il-personaliżmu ta' Dun Karm hu, għalhekk, personaliżmu nisrani li jispira ruħu mill-ogħla tip ta' persuna – persuna umana-divina, il-persuna ta' Kristu – kif inhu rappreżentat fil-filosofija personalistika nisranija. •

> "Minn narratur tal-istorja ta' pajjiżu u pittur tal-kampanja Maltija u tal-karattru ta' bosta wlied ir-raba', Dun Karm isir il-vjaġġatur attent li jfittex il-verità u s-sens tal-eżistenza umana."



# TAF BID-DUBJU KBIR LI KELLU SAN FRANĠISK T'ASSISI?

"L-aħwa, x'parir tagħtuni?

- Għandi ningħata biss għat-talb; jew
- immur nippriedka 'l hawn u 'l hemm?"

Din il-frażi qalha San Franġisk meta tkellem mal-patrijiet li kienu midħla tiegħu dwar dubju kbir li kien daħalu f'moħħu, jiġifieri, jekk għandux jgħix ħajja pjuttost eremitika u jingħata unikament għall-kontemplazzjoni jew inkella għandux jibqa' jgħix kif kien qed jagħmel, jiġifieri, ħajja mħallta ta' predikazzjoni u talb fit-tul. Iż-żewġ options dehrulu tajbin, imma ma kienx jaf sewwasew liema minnhom kienet ir-rieda ta' Alla għalih. Ħassu f'salib it-toroq, maqsum fi ħsibijietu u nkwetat għall-aħħar. Biex wasal solva d-dilemma li kienet tifnieh, Franġisku kellu jagħmel dak li jissejjaħ **"dixxerniment"** (bil-Grieg: **"diakrino"**, διακρίνω, li tfisser tissepara, tiddistingwi, teżamina bir-reqqa kollha).

Il-kelma **"dixxerniment spiritwali"** tirreferi għal eżerċizzju jew mod li bih nisseparaw, niddistingwu bi prudenza bejn dak li ġej minn Alla u dak li ma jkunx ġej minnu. Dan l-eżerċizzju mhu faċli xejn għax mal-leħen sottili tal-Ispirtu ta' Alla fina jitħalltu ħafna ilħna oħra (per eżempju, l-ilħna tal-ambizzjoni, tal-kburija, tal-għira, tal-egoiżmu, tal-esibizzjoniżmu, eċċ.) li ma jħalluniex naraw ċar ir-rieda ta' Alla fiċ-ċirkustanza li nsibu ruħna fiha.

Meta għandna nagħmlu **"dixxerniment spiritwali"**? Igur li mhux dwar ħwejjeġ li dwarhom diġà nafu biċ-ċar x'inhi r-rieda t'Alla. Per eżempju, mhemmx lok għal dixxerniment dwar il-kmandamenti ta' Alla (għandix nisraq jew le), dwar it-tagħlim tal-Evanġelju (għandix naħfer jew le), jew dwar it-tagħlim infallibbli tal-Knisja (għandix nabortixxi jew le). Id-dixxerniment spiritwali jsir meta jkollna quddiemna żewġ affarijiet (jew iktar) li huma lkoll tajbin fihom infushom, imma ma nkunux nafu sewwasew liema minnhom Alla jkun irid minna fil-mument. Ngħidu aħna, ikun hemm missier ta' familja li jkun involut ħafna fi grupp kariżmatiku, iżda li fl-istess ħin ikollu wliedu li jeħtieġu iktar il-preżenza taż-żewġ ġenituri minħabba li jkunu jinsabu f'fażi kruċjali tat-trobbija tagħhom. Dan il-missier għandu quddiemu żewġ affarijiet tajba:

(i) li jmur jevanġelizza bieb bieb hija ħaġa ta' valur kbir;

(ii) li jqatta' iktar ħin mat-tfal hija wkoll ħaġa f'lokha u ta' min jirrikmandaha.

Irid issa jiddixxerni, jiddistingwi b'għaqal bejn dawn it-tnejn, biex jara liema minnhom hija r-rieda ta' Alla għalih għax, kif iħobb jgħidilna wieħed patri minn tagħna, 'mhux kull ma hu tajjeb huwa qaddis', jiġifieri, mhux kull option tajba li jkolli quddiemi bilfors Alla jkun iridha minni fil-mument.

Fid-dixxerniment spiritwali hemm prinċipju tad-deheb li jeħtieġ inżommuh ċar quddiem għajnejna: mhijiex tant importanti d-deċiżjoni aħħarija li wieħed jieħu, daqskemm il-fatt li wieħed ikun għadda minn proċess ta' dixxerniment minħabba l-bidla li dan il-proċess iħalli f'min jgħaddi minnu. Għaliex? Għax il-fatt li wieħed jibda jitħarreġ fl-eżerċizzju tad-dixxerniment diġà fih innifsu huwa statement qawwi: li Alla huwa s-Sid, l-Imgħallem, u min qed jiddixxerni huwa sempliċiment dixxiplu, qaddej, li qed ifittex ir-Rieda tiegħu. Għalehkk, int u tagħmel l-eżerċizzju tad-dixxerniment, tkun qed tiġi ffurmat dejjem iktar bħala dixxiplu. Din il-bidla li sseħħ f'min qed jiddixxerni hija iktar importanti minn fejn iwassalna l-istess proċess. X'inhu meħtieġ biex wieħed jagħmel dixxerniment spiritwali tajjeb? Tal-inqas, min qed jiddixxerni jrid ikollu erba' atteġġjamenti interni li joħorġu b'mod ċar fil-figura ta' San Franġisk.

- L-ewwel u qabel kollox, min se jagħmel dixxerniment irid ikollu ġġammar f'qalbu x-xewqa li jfittex biss ir-rieda ta' Alla.

Din l-attitudni kienet imnaqqxa f'moħħ u f'qalb San Franġisk, kif jurina Fra Tumas minn Celano meta jgħid li, " ... **(Franġisku) kien jitħabat bil-qawwa kollha ta' ruħu biex jagħraf liema mod, liema triq u liema xewqa setgħu jkunu jaqblu l-aktar biex jingħaqad aktar bis-sħiħ mal-Mulej Alla u ma' dak li l-iktar jogħġob lir-rieda tiegħu. Hawn kienet tinsab dejjem il-filosofija tiegħu, hawn kienet tinsab l-ogħla xewqa fih, li sakemm dam jgħix kienet dejjem taqbad fih ...**" L-istess attitudni terġa' toħroġ b'mod qawwi fit-talba mitqlu deheb li San Franġisk ħallielna fi tmiem l-Ittra li kiteb lill-Ordni kollu fejn jitlob lil Alla biex jogħġbu jagħti lilu u lil ħutu l-patrijiet **"il-grazzja li nagħmlu dak li nafu li trid int u li nkunu rridu dejjem dak li jogħġob lilek."**

## Fl-istampa li tidher f'dan l-artiklu nilmħu l-mod oriġinali li bih l-artista Giustina de Toni tesprimi din il-ħerqa li kellu San Franġisk li jogħġob biss lil Alla billi tpittru f'forma ta' vleġġa ppuntata lejn is-Sema.

Bħal San Franġisk, ħafna qaddisin kellhom din is-single-mindedness li jridu jogħġbu biss lil Alla. Per eżempju, il-Beatu Charles de Foucauld fit-talba ta' abbandun f'Alla li ħallielna, jikxfilna xewqet qalbu meta jitlob lil Alla l-Missier bil-kliem: **"Agħmel biss li r-Rieda tiegħek isseħħ fija u fil-ħlejjaq kollha tiegħek. Ma nixtieq xejn aktar Mulej ..."** Fuq l-istess nota, Santu Wistin, fit-talba tiegħu li tibda bil-kliem "Lilek biss inħobb Mulej" – liema talba ġieli tingħad wara t-tqarbin fil-knejjes tagħna – jagħti d-dritta lil Alla, donnu f'telfa ta' namrat, u jistqarr: **"lilek biss irrid infittex u lilek biss irrid naqdi; nitolbok Mulej ikkmandani dak li trid! Irrid naqdik bil-ferħ kollu ta' qalbi!"** San Ġorġ Preca jiġbor din l-attitudni fil-tamuża "intenzjoni retta" li min jaf kemm-il darba ppriedka dwarha. Skont il-fundatur tas-Soċjetà Museumina, li jkollok intenzjoni retta jfisser li **"dejjem tħares lejn Alla u lilu biss tifhem f'kollox tigglorifika, u minnu biss tistenna ħlas."**

Ispirati mill-mixja spiritwali ta' San Franġisk, fl-artiklu tax-xahar id-dieħel se nkomplu nitkellmu dwar xi atteġġjamenti oħra li wieħed għandu jkollu biex jagħmel dixxerniment spiritwali tajjeb, kif ukoll dwar id-diversi tappi li jsawru l-metodu li jista' jintuża biex wieħed jiddixxerni r-rieda ta' Alla. •

# BENEDITTU ĠIE U MAR

Il-Q.T. l-Papa Benedittu XVI ġie u mar. Dam fostna 27 siegħa, imma nemmen li ħa gost u ta gost. Il-poplu tagħna laqgħu bi ħġaru u tah merħba kif jistħoqqlu l-aqwa Kap ta' Stat. Jiena naħseb li l-ebda Kap ieħor fid-dinja m'għandu daqshekk sudditi u allura ma niskantax li kemm dam fostna kaxkar lill-eluf kbar għal warajh.





Dan huwa l-Vigarju ta' Kristu fuq din l-art u fl-età veneranda ta' 83 sena, ħalla l-Vatikan u tar għal Malta fl-okkażjoni tal-1950 sena min-Nawfraġju ta' San Pawl fostna fis-sena 60 W.K. Kemm dam hawn, għamel diversi diskorsi importanti li fihom x'tixtarr u xi ttiegħem, imma ħassu ferħan jiltaqa' ma' poplu li fil-maġġoranza għadu jgħożż lil Kristu u t-tagħlim tiegħu. Saħaq biex nissuktaw ngħożżu l-valuri nobbli tagħna u nibqgħu ngħidu "le" għad-divorzju, għall-abort u għal tant pjagi oħra li qed inizżlu lis-soċjetà għarkupptejha. Talab biex inkomplu nsaħħu l-għaqda tal-familja għax fuq din tinbena kull soċjetà. Id-diskorsi li għamlu l-President u l-Arċisqof ta' Malta flimkien ma' dak tal-Isqof t'Għawdex intlaqgħu tajjeb u kienu ppreparati ferm tajjeb.

Il-Media ħaqqha prosit għax tat coverage tassew tajjeb u estensiv ta' din iż-żjara li serviet biex Malta tkompli tissemma mal-barranin meta tiftakar li kien hawn mal-mitejn ġurnalist ġejjin minn barra l-pajjiż. F'din l-okkażjoni Knisja u Stat ħadmu id f'id biex din iż-żjara setgħet tirnexxi u jekk skond xi ilsna ntefqu l-ewro, dawn laħqu l-miri tagħhom u jekk żidna xi kilometru tarmak u xi ftit fjuri, dawn issa se jibqgħu magħna u se ngawduhom aħna.



Sabiħa u kommoventi ferm kienet il-Quddiesa festa li saret fuq il-Fosos tal-Furjana u l-ferħ u l-uċuh ferħana ma naqsux. Is-setting kien wieħed tajjeb u t-temp kien ħanin ukoll. Jien kont hemm bħal ħafna Għawdxin oħra u magħna kien hemm il-kwadru tal-Perugino (1619); fraħna meta l-Papa ħalla l-altar u mar fi ħdan il-Madonna Ta' Pinu u rregalalha ***"Una rosa d'Oro"***. Mro John Galea kompla sebbaħ dik il-għodwa bil-mużika u l-Kor tiegħu. Sett gandlieri artistiċi mill-Bażilika ta' San Ġorġ Victoria komplew żejnu l-altar prinċipali. L-eluf kbar ta' żgħażagħ li ħonqu l-Valletta Waterfront żgur li ma ddispjaċihomx u dawn taw xhieda ta' dak li huma, fi kliem l-Isqof t'Għawdex, l-aqwa riżorsa li għandu u jista' jkollu n-nazzjon.

Fir-Rabat ukoll il-Papa ngħata merħba kbira u sellem lill-Appostlu Pawlu li qatta' xi jiem f'din ix-xaqliba ta' Malta. L-għadd kbir ta' tfal u għalliema li mlew pjazza San Ġorġ, s-Sibt filgħaxija żgur li jibqgħu jiftakru dik il-lejla. L-atmosfera li ħolqu ma tiddeskrivihiex. Wara kollox kienu qed jiltaqgħu ma' Kristu (alter Christus) fuq din l-art li għandu biss



jinsab il-veru ferħ. Dan il-ferħ il-Papa pprova jgħaddih ukoll lil dawk il-ftit irġiel li sab ħin jiltaqa' magħhom wara l-battikata tal-Fosos; deher kommoss u wegħidhom mhux biss it-talb tiegħu, imma kull għajnuna biex din il-problema, li ma hix ta' Malta biss, issib tmiem ħelu għal kulħadd.

Issa li Benedittu ġie u mar, importanti li nerġgħu nisimgħu x'qalilna u nqiegħduh fil-prattika biex il-mawra tiegħu fostna ma tkunx ġiet u marret bla frott. •



# IL-VERĠINITÀ MINĦABBA S-SALTNA T'ALLA (10)

Fl-Udjenza Ġenerali tas-16 ta' Novembru 1994, il-Beatu Ġwanni Pawlu II qal: **"Rispett lejn il-verġinità minħabba s-Saltna u l-fehma Nisranija taż-żwieġ huma inseparabbli. Huma jsaħħu lil xulxin"**. Huwa dan li se nippruvaw naraw meta se nittrattaw flimkien suġġett ieħor importanti fit-teoloġija tal-ġisem tal-Beatu Wojtyla, jiġifieri l-verġinità minħabba s-Saltna tas-Smewwiet.



Skont it-tagħlim tal-Papa Ġwanni Pawlu II, iċ-ċelibat minħabba s-Saltna tas-Smewwiet huwa don li ma jiftiehemx mill-bniedem tal-lum. Trid tkun biss il-grazzja ta' Alla biex tgħinu jifhmu. Fil-fatt, min-natura tiegħu, il-bniedem huwa msejjaħ li jiżżewweġ u jifforma familja. Il-Bibbja stess turih dan, sewwasew fit-tieni paġna tagħha: **"Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed"** (Ġen 2:24). Hawnhekk id-diskors fuq iż-żwieġ għadu fuq it-ton naturali tiegħu.

Biss, meta wieħed jifli bir-reqqa l-Evanġelju, isib li jeżiżti żwieġ f'sens ieħor, jiġifieri dak spiritwali. Hawn persuni li huma kkonsagrati lil Alla b'konsagrazzjoni speċjali li, għax ġew imsejħa minnu, wieġbu għas-sejħa tiegħu billi tawh ħajjithom. Bil-ħajja tagħhom ifakkruna fil-ħajja li ġejja, dik li ma tintemm qatt. Huma tabilħaqq sinjal kariżmatiku fil-Knisja għaliex juru li f'dik is-Saltna ċ-ċittadini tagħha ma jiżżewġux. Dan għaliex il-Mulej ikun f'kulħadd. Fil-Mulej, il-bniedem imqajjem għall-ħajja ta' dejjem jintwera ruħu bħala dak maqgħud mal-Mulej f'rabta ta' mħabba nuzzjali u li ma tintemmx.

Il-Papa jagħtina dan it-tagħlim sod u profond fil-katekeżi li taha nhar l-24 ta' Marzu 1982, **"'Mhux kulħadd jifimha din il-ħaġa, imma dawk li lilhom jingħata li jifmuha. Hemm ewnuki li jitwieldu hekk minn ġuf ommhom, oħrajn jagħmluhom hekk in-nies, u hemm oħrajn li jsiru hekk minn rajhom minħabba s-Saltna tas-Smewwiet. Min jista' jifhem, jifhem!"** (Mt 19:11-12). Jekk it-tifsira tal-ħajja tikkonsisti filli wieħed jagħmel lilu nnifsu rigal għall-oħrajn u li jgħix f'komunjoni ma' persuni oħra, ma jkunx iżjed jaqbel li n-nies kollha jiżżewwġu?

It-tweġiba hija li kollha kemm huma huma msejħa għaż-**"żwieġ"**, imma mhux neċessarjament fis-sens fiżiku tal-kelma. Xi wħud huma msejħa biex ikunu għarajjes ta' Kristu (ir-reliġjużi nisa) jew għarajjes tal-Knisja (reliġjużi rġiel) u li jgħixu ħajja ċelebi minħabba s-saltna tas-sema. Irġiel u nisa li jgħixu dan l-impenn huma sinjal għalina li aħna ġejna maħluqa biex inkunu maqgħuda m'Alla, li hu l-quċċata tal-milja tal-persuna umana.

Bil-ħajja tagħhom ifakkruna li aħna lkoll se nieħdu sehem b'mod sħiħ f'din l-għaqda fis-sema. Ir-rigal tagħhom infushom għad-dinja jagħti frott spiritwali permezz tal-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. **"Iċ-ċelibat għas-Saltna tas-Sema ... huwa sinjal kariżmatiku. Il-bniedem ... li, fis-sitwazzjoni dinjija tiegħu fejn in-nies ġeneralment jiżżewġu, jagħżel b'mod ħieles is-safa minħabba s-Saltna tas-Sema, juri li f'dik is-saltna, li hija dinja l-oħra u li fiha l-qawmien mill-imwiet, in-nies ma jiżżewġux iktar. Dan għaliex Alla se jkun 'kollox f'kollox'. Fih (il-bniedem imqajjem minn bejn l-imwiet) se jkun muri, biex ngħid hekk, fit-tifsira assoluta u eterna nuzzjali al-ġisem f'għaqda ma' Alla nnifsu permezz tal-viżjoni 'wiċċ imb'wiċċ' tiegħu ..."**

F'dan id-dawl, id-destin tal-ġisem, kif mgħix fis-safa minħabba s-Saltna tas-Smewwiet, huwa xbieha minn qabel tat-teżori, jew aħjar l-istat li bih jiġi divinizzat jew mimli b'Alla kemm il-karattru u kif ukoll il-persuna tal-bniedem. Dan tgħidulna t-tieni ittra ta' San Pietru meta tgħidilna: **"Bis-saħħa ta' dawn huwa tana l-egħżeż u l-akbar ġid li kien wegħedna, biex bih – wara li tkunu ħlistu mit-taħsir li hawn fid-dinja ħtija tal-ġibdiet ħżiena – tissieħbu fin-natura ta' Alla"** (2Pt 1:4). Pietru jiddeskrivi lill-Insara bħala "msieħba" u kumpanji. Bis-saħħa tal-wegħdiet kbar tas-salvazzjoni, tal-qdusija u tal-privileġġ li jkunu wlied Alla, l-Insara, permezz tal-fidi tagħhom fi Kristu, jissieħbu fin-natura divina ta' Alla.

Il-ġisem huwa l-mod l-aktar privileġġjat biex wieħed jista' jagħmel esperjenza ħajja ta' dan it-tisħib mhux biss f' din **"id-dinja bil-ġibdiet tagħha tgħaddi"** (1Ġw 2:17) imma, u wisq iżjed, fil-ħajja li ma tintemm qatt. Minnu nnifsu, għax hu maħluq xbieha t'Alla, il-ġisem mhux biss għandu mnaqqax fih il-passaġġ għall-eternità, l-għaqda tiegħu m'Alla Trinità, imma wkoll li b'dan il-ġisem, kif imħaddan mit-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa, li twieled, għex, ħadem, bata, miet u ġie mqajjem mill-imwiet minn Alla l-Missier, l-umanità kollha setgħet tinfeda mill-jasar tad-dnub.

Fl-istess katekeżi, il-Papa Ġwanni Pawlu II jgħidilna: **"Is-safa ta' din l-art ... huwa sinjal li l-ġisem, li l-għan tiegħu m'huwiex il-qabar, huwa ndirizzat lejn il-glorifikazzjoni. Minn dan il-fatt innifsu, is-safa għas-Saltna tas-Sema huwa xhieda qalb il-bnedmin li jantiċipa l-qawmien minn bejn l-imwiet fil-ġejjieni... Fuq kollox, is-safa jġorr is-siġill tax-xebħ ma' Kristu. Fix-xogħol tal-fidwa, huwa nnifsu għamel din l-għażla għas-Saltna tas-Sema"**.

Il-verġinità minħabba s-Saltna t'Alla hija antiċipazzjoni fuq din l-art tal-wirt dejjiemi li hemm jistenna lill-ġismna fis-sema. •





Josemaria Escriva de Balaguer twieled f'Barbastro, Spanja, fid-9 ta' Jannar 1902, it-tieni minn sitt itfal ta' Jose u Dolores Escriva. Huwa kiber f'familja reliġjuża u minn età żgħira tgħallem x'jiġifieri ssofri meta tilef tliet ħutu ċkejknin u missieru sab ruħu fallut fin-negozju tat-tessuti.

# FUNDATUR TAL-"OPUS DEI"

Ta' sittax-il sena Josemaria ħass li Alla kien qiegħed isejjaħlu biex isir qassis u qabad jistudja għal dan il-għan. Fis-seminarju ġie mħajjar biex jistudja wkoll il-liġi u sentejn wara li kien ordnat qassis fl-1925 mar Madrid biex ikompli jistudja. Huwa ħa d-dottorat fil-liġi ċivili mill-Università ta' Madrid u d-dottorat fit-teoloġija mil-Lateran f'Ruma.

Missieru miet fl-1924 u l-ġuvni, bħala l-ikbar mis-subien, kellu jieħu ħsieb ommu u żewġ ħutu li kienu fil-bżonn. Biex jaqla' x'jiekol u jmantni l-familja huwa kien jgħin studenti tal-liġi filwaqt li jaqdi dmiru bħala qassis qalb il-foqra, il-morda u t-tfal. L-apostolat kien iwasslu wkoll qalb il-ħaddiema, nies professjonisti u studenti tal-Università.

Fl-1928 Alla talab minnu li jservi l-Knisja b'missjoni oħra, dik li jwaqqaf l-Opus Dei li kienet dedikata biex tgħin l-irġiel insara jimxu wara Kristu, isiru qaddisin u jikbru fl-imħabba t'Alla u tal-proxxmu. Huwa ntefa' b'ruħu u ġismu biex jaqdi din il-missjoni u sentejn



wara nkluda wkoll in-nisa għax ħass li huma wkoll kellhom ir-responsabbiltà li jservu l-Knisja u s-soċjetà. Hawn huwa ltaqa' ma' ħafna diffikultajiet speċjalment dawk dwar saħħtu u dawk finanzjarji. Iżda dejjem baqa' b'dik it-tbissima għax kien jafda f'Alla b'għajnejh magħluqa.

Sadattant huwa kiteb għadd ta' kotba spiritwali, fosthom The Way li llum inqaleb f'ħamsin lingwa u nbiegħu iktar minn ħames miljun kopja. L-Opus Dei bdiet qalb iż-żgħażagħ, iżda sabet ħafna tfixkil waqt il-persekuzzjoni tal-Knisja fi żmien il-gwerra ċivili ta' Spanja (1936-39). Inqatlu ħafna qassisin u reliġjużi, iżda Dun Josemaria rnexxielu jibqa' ħaj billi ħarab lejn in-naħa l-oħra ta' Spanja fejn għex f'Burgos fil-faqar hu u jaqdi l-bżonnijiet tal-insara bil-moħbi.

Kif spiċċat il-gwerra ċivili huwa vvjaġġa mal-pajjiż kollu wara li l-Isqfijiet talbuh imexxi l-irtiri tas-saċerdoti. L-Opus Dei ma damitx ma xterdet ma' Spanja kollha u wara t-tieni gwerra dinjija bdiet ukoll f'pajjiżi oħra. Il-fundatur ħtieġlu jbati bil-paċenzja u l-imħabba għax il-messaġġ tiegħu ta' qdusija mhux dejjem kien mifhum tajjeb u sab ħafna minn jikkritikah, anki mill-qassisin sħabu.

Waqt li kien iqaddes fl-1943 huwa ġie spirat biex xi wħud mill-membri tal-Opus Dei jiġu ordnati saċerdoti u b'hekk twaqqfet is-Soċjetà tas-Salib Imqaddes li bdiet tgħin lill-Isqfijiet fl-iżvilupp spiritali tal-qassisin u s-seminaristi. Fl-1946 huwa mar jgħix Ruma biex ikun qrib il-Papa li approva l-missjoni tal-Opus Dei. Sentejn wara nisa u rġiel miżżewġa setgħu jsiru membri u iktar tard il-Vatikan approva li anki dawk mhux Kattoliċi u lanqas insara setgħu jassistu lill-membri fl-appostolat tagħhom. Dawn il-membri issa bdew imexxu skejjel professjonali, ċentri ta' taħriġ fl-agrikultura, Universitajiet, skejjel, sptarijiet u kliniċi miftuħa għal kulħadd b'ispirazzjoni nisranija.

Fl-1950 il-Papa Piju XII ħatru bħala Monsinjur u waqt il-Kunsill tal-Vatikan II (1962-65), Monsinjur Escriva ħadem mill-qrib mal-Isqfijiet speċjalment dwar l-importanza tal-lajċi fil-missjoni tal-Knisja. Bejn l-1970 u l-1975 huwa vvjaġġa mal-Ewropa u l-Amerka ta' Isfel jippriedka dwar l-imħabba t'Alla, is-sagramenti, id-dedikazzjoni nisranija u l-bżonn tal-qdusija fix-xogħol u l-familja.

Bħal dejjem, kull ħaġa tajba u anki qaddisa ssib ma' wiċċha maltemp kbir. Jeżistu ħafna kontroversji kemm dwar Escriva nnifsu kif ukoll dwar l-Opus Dei. Il-kritika saret l-iżjed għax jingħad li l-membri tagħha jaħdmu b'mod sigriet, huma nies magħżula u jxaqilbu wisq lejn il-lemin. Fost l-akkużi kontra tagħhom kien hemm dik li huma kienu jżommu ma' Francisco Franco, id-dittatur Spanjol. L-influwenza tal-membri u l-indipendenza tagħhom wasslu għal ċerta kritika ħarxa u għira anki minn nies tal-Knisja.

Għal iktar minn għaxar snin sħaħ, Monsinjur Escriva kien ibati bid-dijabete akuta u anki mill-epilessija, għalkemm jingħad li fieq għal kollox b'miraklu fl-1954. Huwa miet f'daqqa Ruma fis-26 ta' Ġunju 1975 meta kellu 73 sena. Dakinhar l-Opus Dei kienet xterrdet fi 30 pajjiż fis-sitt kontinenti. Illum hemm iżjed minn 90,000 membru f'sittin pajjiż. Il-Papa Ġwann Pawlu II iddikjarah beatu fl-1992 u kkanonizzah fl-2002 meta qal li kien iqis lil Monsinjur Escriva bħala wieħed mill-ikbar xhieda tal-ħajja nisranija. Safrattant anki l-beatifikazzjoni u l-kanonizazzjoni tiegħu qanqlu ħafna polemiċi, fosthom li kienu saru kmieni wisq wara mewtu u li ż-żewġ tobba li studjaw il-mirakli li għamel kienu membri tal-Opus Dei. •

# ROKNA GĦAT-TFAL

## Aħseb u Wieġeb

1. L-Ispirtu jagħti: in-nifs; l-hena; il-ħajja. (Ġw 6,63)
2. X'ħin fetħu: ma sabu lil ħadd; kienu reqdin, kienu jitolbu. (Atti 5,23)
3. Ċensier ur artal: tad-deheb; tar-ram; tal-fidda. (Apk 8,3)
4. Ibżgħu minn dak li jeqred: il-ġisem; il-familja; ir-ruħ u l-ġisem. (Mt 10,28)
5. Effata, jiġifieri: ingħalaq, infetaħ, itlaq. (Mk 7,34)
6. Raġel tajjeb jismu: Xmun; Ġwanni; Pawlu. (Lq 2,25)
7. Mulej għand min immorru?, qallu: Ġakbu; Luqa; Pietru. (Ġw 6,68)
8. Lill-appostli sabuhom: Jgħallmu; jistagħdu, jistrieħu. (Atti 5,25)
9. Waddab iċ-ċensier fuq l-art u: bnazza; qam ħafna maltemp; dalam. (Apk 8,5)
10. Ġejt inġib: is-Sajf; il-paċi, l-għaqda. (Mt 10,34)

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

**Ir-rebbieħa ta' Ottubru 2011 jidhru fil-ħarġa ta' Frar.**

# TISLIBA - 111



1. Siġar neqsin minnu. (Ġuda 12) **(5)**
2. Meta jenħtieġ... t-tabernaklu. (Num 1,51) **(6)**
3. Isem iċ-ċenturjun. (Atti 27,1) **(5)**
4. Li *ngħixu* skont il-kmandamenti. (2 Gw 6) **(5)**
5. Imqanqla mill-għira u din. (Fil 1,15) **(4)**
6. Prinċep ta' Mesek u ta' hawn. (Eżek 39,1) **(5)**
7. Il-kwalità tas-siġra. (Ġona 4,10) **(5)**
8. meta dawn... ruħhom. (2 Kor 10,12) **(5)**
9. Ħiram kien f'din il-belt. (1 Slat 7,13) **(3)**
10. Baqa' hemm jistrieħ u ... (ġdt 1,16) **(7)**
11. u 12. Dan hu ta' dejjem. (2 Tess 2,16) **(3)**
13. Tifkirietu bħal taħlita nċens. (Sir 49,1) **(6)**
14. Kelma *ta' bla dubju.* (Tit 3,8) **(5)**
15. ... dinar. (Lq 20,24) **(5)**
16. Iltaqgħu biex jagħmlu din. (Neħ 9,1) **(5)**
17. B'dan imlieni Alla. (Rt 1,20) **(5)**
18. Ulied Għammon bħal din jiġrilhom. (Sof 2,(9) **(7)**
19. L-appostli għadhom mingħajru. (Mt 15,16) **(4)**
20. Noè kellu lil..., Ħam u Ġafet. (Ġen 6,10) **(3)**
21. Xi xtieli kienu. (Żak 1,11) **(5)**
22. Iħejju din. (Koħ 10,19) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA T'OTTUBRU 2011:**

***1. Bejta; 2. Ifirħu; 3. Iftħu; 4. Kelma; 5. Ħrit; 6. Ftila; 7. Eħfef; 8. Efrata; 9. Tir; 10. Ħamutal; 11. u 12. Sultan; 13. Alcimu; 14. Ilsir; 15. Saħħa; 16. Karru; 17. Armla; 18. Lablaba; 19. Bnew; 20. Ċar; 21. Iseħħ; 22. Romol.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

**Ir-rebbieħa ta' Ottubru 2011 jidhru fil-ħarġa ta' Frar.**



# BUMBARADAMENT OKKULTISTA

## Forsi xi ħadd jista' jistaqsi: imma x'hemm komuni bejn l-okkult u s-sataniżmu? Jista' l-okkult iwassal għas-sataniżmu?

Nistgħu ngħidu li l-okkult huwa r-reliġjon vera ta' Satana; reliġjon li teħodha kontra Alla veru u l-fidi; reliġjon li teħodha wkoll kontra l-bniedem, kontra l-aspirazzjonijiet spiritwali tiegħu, ir-razzjonalità tiegħu, id-dinjità tiegħu, ir-raġuni li tgħinu jistudja u jfittex għal spjegazzjonijiet razzjonali għal dak kollu li hu oġġett tal-għarfien tiegħu. F'dan il-kuntest nistgħu ngħidu li fejn m'hemmx fidi awtentika f'Alla veru, il-bniedem idur fuq allat maħluqa minnu. Hu għalhekk li l-ktieb tad-Dewteronomju jistqarr:

**"Isma' Israel: Alla tagħna hu l-Mulej, il-Mulej waħdu: ħobb mela lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha u b'saħħtek kollha"** (6:4-5).

Meta nabbandunaw din ir-rabta vera mal-Mulej, induru għal allat maħluqa minna. Hu forsi għalhekk li nistgħu nispjegaw il-fatt li l-interess taż-żgħażagħ u persuni oħra lejn l-okkult kiber sew f'dawn l-aħħar snin. Il-kelma 'okkult' ġejja mil-lingwa *Latina occultus* (moħbi) u tirreferi għall-konoxxenza ta' dak li huwa moħbi jew sopranaturali. Oroskopji, amuleti, tarokki u seduti spiritiċi, issa saru s-sieħba regolari fit-triq tal-ħajja tal-ġenerazzjoni l-ġdida li hija vittma tal-bumbardament okkultista permezz tal-mużika, televiżjoni, logħob tal-*playstation*, cartoons, ċinema u diskoteki. Huwa bumbardament li sab art tajba fil-ħajja ta' ħafna, ħajja li spiss hija karatterizzata minn solitudni profonda, sitwazzjonijiet familjari diffiċli u nċertezzi dwar il-futur. L-interess lejn l-okkult jiġi minħabba li dan qed jiġi preżentat bħala s-soluzzjoni mmedjata għall-problemi ta' kuljum li wieħed jgħaddi minnhom. Dan jista' jikkawża ħsara kbira fil-moħħ taż-żgħażagħ. Jista' jgħin biex tinħoloq ġenerazzjoni ta' 'skjavi moderni', maqbuda fl-imġiba tagħhom stess.

Oroskopji, maġija, seduti spiritiċi u diski ta' rock sataniku huma frott ta' negozju kbir li qed jaħleb flus bil-miljuni. Hemm min iddeċieda li jistagħna minn fuq iż-żgħażagħ li jaqgħu vittmi ta' din il-'kultura'.

## Kif jinxtered il-'virus' tal-okkult? X'inhuma l-kawżi ta' din l-epidemija okkultista li laqtet il-ġenerazzjoni l-ġdida?

Iż-żgħażagħ jaħsbu li l-okkult huwa xi ħaġa sabiħa, affaxxinanti. Jaħsbu li fil-prattika tal-okkult se jsibu xi ħaġa li ssolvilhom il-problemi tagħhom u għalhekk, mingħajr ma jindunaw bil-periklu li jkunu se jidħlu fih, jibdew jipprattikaw l-okkult jew saħanistra s-sataniżmu.

Il-'virus' tal-okkult jinfirex malajr għaliex kull ma jmur, fiż-żgħażagħ qed jonqsu dawk li nistgħu nsejħulhom *'antibodies'* li jgħinuhom biex jaffrontaw u jirreżistu għal dawn il-'kulturi' u l-konsegwenzi tagħhom. M'hemm xejn li jiddefendi u jipproteġi. F'dawn l-aħħar snin, iż-żgħażagħ ġew brainwashed u mbuttati biex ma jibżgħux minn dak li jappartieni għad-dinja tal-okkult. Imma qatt ma ġew edukati biex jifhmu li l-okkult ipoġġiehom f'riskju kbir. Meta wieħed jieħu sehem f'seduti spiritiċi jew riti sataniċi ma jkun qed jagħmel xejn ħlief li jiftaħ beraħ il-ħajja tiegħu għall-perikli kbar. L-ewwel jibdew b'kurżità jew bħala logħob, imma qatt ma jistgħu jimmaġinaw fejn dawn jistgħu jwassluhom. •



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' €580 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**